MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Numru. 263/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**OMISSIS;**
**CHRISTOPHER PHILIP AGIUS ta’ 18-il sena, iben Michael William u Ann Pauline Beatrice nee’ Downer, imwieled Londra nhar l-14.07.1991, residenti fil-fond numru 94, Triq Guze’ D’Amato, Paola, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 20102L;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Christopher Philip Agius** li gie akkuzat talli nhar id-29.01.2007 ghall-

habta tal-11am, gewwa Gnien is-Serenita’, maghruf bhala l-Gnien tac-Cinizi, Triq il-Peprin, Santa Lucija:

1. Ikkommetta serq ta’ oggetti dekorattivi, liema serq hu aggravat bil-vjolenza numerika ai termini ta’ l-Artikolu 262(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00);

2. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq proprjeta’ pubblika, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50.00) imma izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10.00);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser il-provvediment ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza datata 28.11.2006 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 14), ghal liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni (folio 11);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Illi dan il-gudizzju huwa biss fil-konfront biss ta’ Christopher Philip Agius stante separazzjoni ta’ gudizzju.

Ikkunsidrat:

Semghet ix-xhieda ta’ Fredrick Cutajar, Sindku ta’ Santa Lucija dwar il-hsara li giet kommessa fil-Gnien tas-Serenita’ gia’ maghruf bhala l-Gnien tac-Cinizi, dan anke skond ritratti ezebiti bhala Dok FC. Ma kienx f’posizzjoni jixhed meta nsterqet l-arti Cinizi li kienet fil-gnien imsemmi, pero xehed illi l-injam kien jidher maqlugh frisk. Lanqas ma kien f’posizzjoni jikkonstata l-hsara li saret f’dan l-att ta’ serq u vandalizmu in kwistjoni. Ma kienx

lanqas f'posizzjoni jaghti l-valur ta' l-oggetti misruqa. Tkellem dwar informazzjoni li kien ircieva fuq karozza bajda li allegatament kienet misjuqa u fiha kien hemm persuni nvoluti f'dan l-incident. Ma gharaf lil hadd mill-imputati bhala n-nies li kien ra fil-vettura bajda in kwistjoni.

Xehdet Virginia Zammit li xehdet li hi kienet ma' Chris u Andrew u Wayne (il-ko-imputati). Tghid illi hi flimkien ma' l-imsemmija telghet f'karozza bajda. Marru fil-Gnien imsemmi. Hemm bdiet tisma' affarijiet jinqalghu 'imbarazz hekk' (folio 28). B'referenza ghall-ko-imputati ohra mhux mertu ta' dan il-gudizzju, semmiet hawn 'dik it-twila' (*ibid*) cioe' li ddeskriviet bhala bajda twila tac-Cinizi, ta' l-injam. Tghid illi Chris, l-imputat odjern ma ghamel xejn. Li rat lil Chris jaghmel flimkien ma' ko-imputat iehor kien li jissara ma' bieb ta' kamra biex jingab kopp biex itellghu mobile li kien waqa' go pond. Ma kinitx taf min fetah it-tieqa tal-kamra msemmija, pero kopp gewwa nstab. Gharfet bhala wahda mill-injam murija f'Dok FC.

Leon Bencini xehed illi wiehed mill-ko-imputati, mhux Chris Agius, cempillu biex imur gol-Gnien tac-Cinizi biex jghinhom itellghu mobile li kien qieghed go vaska. Ipprova jgib dan il-mobile bil-kopp li gia' kien sab barra.

Xehed ukoll Emanuel Mizzi li kkonferma li l-ko-imputat Delia kellu kirja ta' vettura bajda CAK 634 (Dok EM).

Rat ukoll l-istqarrija rilaxxata volontarjament ta' Agius Christopher Philip, Dok CPA folio 42 – 45. Tkellem dwar il-fatt. Qal illi flimkien ma' ko-imputati ohra kien falla l-iskola u mar il-Gnien tac-Cinizi. Innega l-involviment tieghu fis-serqa tal-bicca njama minn ma' kolonna. Qal ukoll illi ma kienx hu li kisser it-tieqa tal-kamra. Qal illi l-involviment tieghu li tinsteraq l-injama kien biss li jiccassa. Qaghad ipejjep u jdur mal-gnien (folio 43). Fil-konfront tas-serq ta' l-injama qal illi ma hasibx li kienet daqshekk gravi (folio 44). Anzi qal 'Dana qed tisraq hu.' (folio 45) Dwar il-bieb tal-kamra ammetta li pprova jaghtieh daqqa bi spalltu. Innega li kellu x'involviment fil-ksur tal-tieqa.

Ikkunsidrat:

Illi terga' tirritjeni din il-Qorti li dan il-gudizzju huwa biss fil-konfront ta' Christopher Philip Agius, stante separazzjoni ta' gudizzju. Rat ukoll f'dan l-istadju s-sentenzi ezebita fil-konfront tal-ksur tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, Dok CPA folio 49 u x-xhieda ta' l-identita' ta' l-istess Agius tramite PS 1439 John Tabone (seduta tat-30.05.2008).

Illi frankament il-provi prodotti fir-rigward ta' Christopher Philip Agius huma ferm skarsi. L-unika prova li hemm ta' l-involviment tieghu huwa li pprova jisgassa bieb tal-kamra pero minn imkien ma jirrizulta li tali bieb sofra xi hsara, jew jekk hekk sofra din qatt ma giet kwantifikata.

In kwantu l-fatt illi Christopher Philip Agius ghandu l-attitudni li serq ghalih ma hu xejn – dan ma jawgura xejn pozittiv ghall-futur ta' l-istess Agius. Xejn aktar m'ghandha x'izid din il-Qorti stante li ebda hsara jew tgharriq ma gew ikkonstati fil-bieb tal-kamra in kwistjoni – ghalhekk qed jigi liberat mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------